19 ta' Ġunju, 1944.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Robert Bonett** *versus* **Dr. Victor Camilleri, M.D., et.**

## Lokazzjoni — Dritt ta' l-Inkwilinat — Rinunzja — Rilokazzjoni.

*Ir-rinunzja għall-kirja li tkun korrenti tista' ssir mingħajr ebda formalità u mingħajr ebda awtorizzazzjoni. Dak li l-liġi tipprojbixxi huwa r-rinunzja preventiva għad-dritt tar-rilokazzjoni taċita għall-futur.*

L-attur fit-tabrika talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi fl-10 ta' Marzu 1940 il-konvenut kriehu d-dar nru. 126, Ridolfo Street, Sliema, proprjetà tal-konvenuta martu; u billi f'Ġunju ta' dik is-sena, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-gwerra, huwa evakwa ruħu r-Rabat, iżda żamm il-mobbli fid-dar ta' Tas-Sliema u sal-lum għandu ċ-ċavetta tal-bieb ta' barra; u billi huwa jrid jirritorna f'dik id-dar, iżda l-konvenuti jippretendu li l-lokazzjoni spiċċat; jiġi dikjarat u deċiż li huwa għad għandu favur tiegħu l-inkwilinat tal-fond fuq imsemmi. B'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-20 ta' Settembru 1943 u ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Diċembru 1943, kontro l-konvenuti jew min minnhom;

L-imħarrek wieġeb li l-attur kien telaq il-lokazzjoni tal-fond, li l-lum huwa okkupat mill-konvenuti għall-abitazzjoni tagħhom; għalhekk id-domandi huma infondati;

*Omissis;*

Mill-provi jirriżulta illi l-attur kien jikri d-dar in kwistjoni, u fi żmien il-gwerra evakwa ruħu u mar joqgħod ir-Rabat. Wara żmien ġie mitlub mill-imħarrkin biex jirrestitwilhom id-dar peress li riedu jmorru joqogħdu fiha huma, u l-attur, kif xehed hu stess, aċċetta jagħtihom lura d-dar bil-patt li jekk kemm il-darba jitilquha huma, u jiġu biex jikruha lill-barranin, hu jkollu d-dritt jerġa' jeħodha ......... Dan l-aħħar il-konvenuti kienu għamlu ħsieb li jikru din id-dar, u avviċinaw lill-attur biex dan iwarrbilhom il-mobbli minn dawk iż-żewġ kmamar. Dan aċċetta, iżda ried illi t-trasport tal-mobbli jsir a spejjeż tal-konvenuti; u peress li l-konvenuti ma riedux ibatu huma nofs l-ispiża ta' dan it-trasport, il-ġarr ma sarx, u l-attur għamel il-kawża tal-lum. Fil-fatt, għalkemm il-konvenuti kienu ġà ftehmu fuq il-kirja tad-dar ma' ħadd ieħor, il-konvenuti għadhom ma telqux id-dar in kwistjoni, u milli jidher qegħdin jistennew li tinqata' din il-kawża biex jiddeċidu x'jagħmlu. Minn dan il-Qorti ġiet għall-konklużjoni illi fil-fatt bi ftehim bejn il-kontendent il-kirja originali kienet spiċċat; biss kien baqa' l-ftehim bejn il-kontendenti illi fil-każ li d-dar tiġi biex tinkera lill-barranin l-attur ikollu d-dritt jikriha u jżommha għalih. Għaldaqstant il-lum l-attur ma jistax jippretendi li għadu inkwilin tad-dar;

Fuq l-eċċezzjoni tan-nullità tar-rinunzja għall-kirja, il-Qorti tosserva illi rinunzja għal kirja korrenti ma għandha bżonn ta' ebda formalità u ta' ebda awtorizzazzjoni skond il-liġi. Dak li l-liġi tipprojbixxi huwa r-rinunzja preventiva għad-dritt tar-rilokazzjoni taċita għall-futur; u dan ma kienx il-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità mogħtija mill-imħarrek, u tiċħad it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra l-attur; salv kull xorta ta' dritt li jista' jkollu l-attur għall-preferenza tal-kirja tad-dar fil-każ li din tinkera lill-barranin, u jekk u skond il-liġi.